B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla fit-12 ta' Diċembru, 2023 fuq rikors ta' APS Bank plc gia APS Bank Ltd (C2192) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 7 ta' Marzu, 2024 fil-ħdax ta' filgħodu (11:00am) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

L-appartament internament immarkat bin-numru tnejn (2), fil-pjan terran elevat, fil-kumpless "97, Chamonix Court" ġewwa Triq it-Torri, Birkirkara, fuq in-naħa tal-lemin meta wieħed iħares lejn il-kumpless ta' bini, li minnu jifforma parti l-appartament, mit-triq. L-appartament hu sovrapost għal sular ta' garaxxijiet u sottopost għal żewġ flats. Inkluż ma' dan l-appartament hemm il-bitħa li tinsab fuq in-naħa ta' wara tal-appartament flimkien mal-bitħa interna. L-appartament jikkonfina mill-Grigal mal-imsemmija Triq, mill-Majjistral ma' beni ta' Carmelo Muscat u mil-Lvant mar-rimanenti kumpless proprjetà ta' Jakro Developments Limited jew l-aventi kawża minnha. Inkluż ukoll mal-appartament hemm sehem indiviż tal-partijiet komuni fl-imsemmi kumpless ta' bini liema partijiet komuni jikkomprendu fl-entrata, entratura, taraġ ta' barra li jwasslu għall-entratura prinċipali, taraġ interni sal-bejt (però eskluż il-bejt), indani, lift u lift shafts. Il-bejt m'għandux jitqies bħala parti komuni, iżda sid l-appartament għandu dritt limitat ta' użu tal-bejt għall-iskop indikat fil-kuntratt tal-akkwist. L-appartament għandu d-dritt ta' użu in perpetwu u mhux interott tal-passaġġi komuni fuq il-bejt ghall-iskop indikat fl-istess kuntratt tal-akkwist. L-appartament huwa liberu u frank, bid-drittijiet u ġustijiet kollha tiegħu u suġġett ghat-tgawdija ta' drittijiet attivi u hu suġġett għas-servitujiet passivi li jirriżultaw mill-posizzjoni relattiv tal-appartament fil-kumpless, inklużi lis-sistema tad-dranaġġ u tal-ilma tax-xita jkunu komuni, hekk kif aħjar deskritt fil-kuntratt tal-akkwist fl-atti tan-Nutar Rachel Busuttil datat wieħed u għoxrin ta' Mejju, elfejn u erbatax (21.05.2014) u stmat li jiswa mitejn, sitta u sebgħin elf u disa' mija u sittin ewro (€276,960).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Aloisio Daniel (KI 353976M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 17/2021.

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 12th December, 2023, on the application of APS Bank plc gja APS Bank Ltd (C2192), Thursday, 7th March, 2024 at eleven in the morning (11:00am), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Repubic Street, Valletta, of the following property.

The apartment internamlly marked number two (2), situated on the elevated ground floor level, in the complex "97, Chamonix Court" in Triq it-Torri, Birkirkara, on the right hand side when one faces the building complex of which the apartment forms part of, from the road. The apartment overlies one floor of garages and underlies two apartments. Included with the apartment is the courtyard situated at the back of the apartment along with the internal courtyard. The apartment is bounded on the northeast by the said street, on the northwest by Carmelo Muscat's property and on the east by the remaining complex property of Jakro Developments Limited or its successors in title. Also included with the apartment is an undivided share of the common parts in the said building complex which common parts consist in the entrance, entrance hall, stairs leading to the main entrance, internal stairs to the roof (but excluding the roof), halls, lift and lift shafts. The roof shall not be considered as a common part, but the owner of the apartment has a limited right of use of the roof for the purpose indicated in the relative contract of sale. The apartment has the right of perpetual use and uninterrupted use of the common passages on the roof for the purpose indicated in the same contract of sale. The apartment is free and unencumbered with all its rights and appurtenances and is subject to the right of active rights and is subject to the passive servitudes resulting from the relative position of the apartment in the complex, including the common drainage and rainwater system as better described in the acts of Notary Rachel Busuttil dated twenty-first May of the year two thousand and fourteen (21.05.2014) and is valued at two hundred seventy six thousand and nine hundred and sixty euro (€276,960).

The said tenement is the property of Aloisio Daniel (ID 353976M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 17/2021.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 15 ta' Diċembru, 2023.

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, this Friday, 15th December, 2023.

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2521

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-7 ta' Frar 2023 fuq talba ta' Excel Investments Limited et ġie ordnat biex jintagħżlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lid-direttarju/i mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 194/2023 fl-ismijiet Excel Investments Limited et vs Gaetano Brimmer u kuraturi deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens u subċens numru 194/2023 ta' John sive Ivan Galea, impjegat, bin Michael Angelo Galea u Emanuela nèe Xuereb, imwieled Victoria Għawdex fit-23 ta' Marzu 1964 u residenti Xewkija, Għawdex (KI 12464G) li qiegħed jidher għan-nom ta' Excel Investments Limited (C81721) bl-indirizz registrat numru 72, Triq Mattia Preti, Victoria, Għawdex, Marcel Bonnici, chief executive officer, bin il-mejtin Joseph Bonnici u Anastasia nèe Camilleri, imwieled Xewkija, Għawdex fil-25 ta' Marzu 1966 u martu Evelyn Bonnici, executive, bint Joseph Zammit u Georgia nèe Zammit, imwieleda Victoria, Għawdex, fis-7 ta' April 1970 u t-tnejn residenti 19, Triq in-Naggara, Xewkija, Għawdex (KI 12666G u KI 10970G rispettivament), Eric Grazio Saliba, impjegat, legalment separat bin John Saliba u Margaret nèe Stuart, imwieled New York City, New York, Stati Uniti tal-Amerika, fil-11 ta' Ottubru 1972 u residenti 52, Riverina, Triq tal-Gurgier, BirŻebbuġa (KI 135896M), Elton-Anthony Borg, self employed, bin Anthony Borg u Maria Violetta nèe Aquilina, imwieled San Ġiljan fit-18 ta' April 1978 u martu Erika Borg, mara tad-dar, bint John Gouder u Theresa nèe Cutajar, imwielda Pieta fis-26 ta' Settembru 1981 u t-tnejn residenti 1228, Casa Borg, Triq Joe Sciberras, Ħamrun KI 323478M u KI 555381M rispettivament) vs Gaetano Brimmer, pensjonant, bin il-mejtin Paolo Brimmer u Maria Concetta Brimmer nèe Spiteri, (KI 606835M) fil-kwalità tiegħu ta' subdirettarju tac-ċens annwu u perpetu ta' Dar il-Hanin Samaritan, Triq il-Palazz l-Aħmar, Santa Venera u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw sid/sidien werriet/werrieta mhux magħrufa jew min minnhom, eredi jew successuri fit-titolu ta' Giuseppe Vella fil-kwalità tiegħu ta' direttarju taċ-ċens annwu u perpetwu, preżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Frar 2023 fejn is-soċjetà kummercjali Excel Investments Limited, Marcel Bonnici u

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 7th February 2023, following a request by Excel Investments Limited et vs deputy curators to represent the unknown direct owner/s in the records of the schedule of deposit number 194/2023 in the names Excel Investments Limited vs Gaetano Brimmer and deputy curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent and subgroundrent number 194/2023 in the name of John sive Ivan Galea, employed, son of Michael Angelo Galea and Emanuela nèe Xuereb, born in Victoria, Gozo on the 23rd March 1964 and residing in Xewkija, Gozo (ID 12464G for and on behalf of Excel Investments Limited (C81721) with registered address number 72, Triq Mattia Preti, Victoria, Għawdex, Marcel Bonnici, chief executive officer, son of the late Joseph Bonnici and Anastasia nèe Camilleri, born in Xewkija, Gozo on the 25th March 1966 and his wife Evelyn Bonnici, excutive, daughter of Joseph Zammit and Georgia nèe Zammit, born in Victoria, Gozo on the 7th April 1970 both residing at 19, Triq in-Naggara, Xewkija, Għawdex (ID 12666G and 10970G respectively), Eric Grazio Saliba, employed, legally seperated son of John Saliba and Margaret nèe Stuart, born in New York City, New York, United States of America, on the 11th October 1972 and residing at 52, Riverina, Triq tal-Gurgier, BirŻebbuġa (ID 135896M), Elton-Anthony Borg, self employed, son of Anthony Borg and Maria Violetta nèe Aquilina, born in San Ġiljan on the 18th April 1978 and his wife Erika Borg, house wife, daughter of John Gouder and Theresa nèe Cutajar, born in Pieta on the 26th September 1981 and residing at 1228, Casa Borg, Triq Joe Sciberras, Ħamrun(ID 323478M and ID 555381M respecitvely) vs Gaetano Brimmer, pensioner, son of the late Paolo Brimmer and Maria Concetta Brimmer nèe Spiteri, (ID 606835M) in his capacity as subdirect owner of the annual and perpetual groundrent of Dar il-Hanin Samaritan, Triq il-Palazz l-Aħmar, Santa Venera and deputy curators to respresent the unknown owner/owners, heir/heirs or any one of them, heirs or successors in title of Giuseppe Vella in his capacity as direct owner of the annual and perpetual groundrent filed in the First Hall of the Civil Court on the 1st February 2023 the applicants the commercial

Evelyn Bonnici, Eric Grazio Saliba, Elton-Anthony Borg u Erica Borg esponew bir-rispett:

Illi permezz ta' kuntratt pubblikat min-Nutar Kristen Dimech fis-27 ta' Settembru 2022, hawn anness u markat Dokument A, ir-rikkorenti akkwista il-fondi numri 37, 39, 41, 43 fi Triq Vincenzo Bugeja, Ħamrun, Malta.

Illi l-fond numru 41 u 43 Triq Vincenzo Bugeja, Ħamrun kif muri delineat bil-kulur aħmar fuq il-pjanta hawn annessa u markata dokument B hu soġġett għall-utile u subutile dominju perpetwu ta' Lm6.29 ekwivalenti għal €14.65 annwu perpetwu. Illi s-subċens huwa pagabbli lil Gaetano Brimmer bħala successur fit-titolu ta' Gaetano Brimmer waqt illi c-ċens originali kien pagabbli lil Giuseppe Vella, liema ċens kellu l-oriġini tiegħu permezz ta' att pubblikat min-nutar Francesco Schembri Zarb fil-5 ta' Diċembru 1905, hawn anness u markat Dokument C.

Illi l-esponenti jixtiequ qabel xejn iħallsu l-laudemium favur l-imsemmi Gaetano Brimmer u għal kull buon fini ic-ċens dovut għall-aħħar tliet snin, kif ukoll jiprevalixxu ruħhom mill-fakoltà mogħtija lilhom bl-artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili u jifdu dan ic-ċens.

Illi s-somma ta' €14.65 kapitalizzata bil-5% tammonta għal €293.

Illi l-ħlas tal-laudemium kif ukoll ta' tliet snin ċens jammonta għal €58.60.

Għaldaqstant l-esponenti jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jiddepozitaw a favur tal-intimati is-somma ta' €351.60 sabiex tiġi liberament żbankata minnhom u dan wara li titħalla debita riċevuta skont il-liġi.

esponenti: c/o Level 1, COR951, Pjazza JF Kennedy, Rabat, Għawdex.

notifiki – Direttur Reġistru Pubbliku, Valletta.

Kuraturi deputati

Gaetano Brimmer, Dar il-Ħanin Samaritan, Triq il-Palazz l-Aħmar, Santa Venera.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-Uffiċċju.

company Excel Investments Limited, Marcel Bonnici and Evelyn Bonnici, Eric Grazio Saliba, Elton-Anthony Borg and Erika Borg respectfully submitted:

That by means of a contract published by Notary Kristen Dimech on the 27th September 2022, here attached and marked document A, the applicant acquired the premises numbers 37, 39, 41, 43 in Triq Vincenzo Bugeja, Ħamrun, Malta.

That the premises number 41 and 43 Triq Vincenzo Bugeja, Ħamrun as shown marked in red on the plan hereby attached and marked document B is subject to the perpetual utile and subutile dominium of Lm6.29 equivalent to €14.65 annual and perpetual. That the subgroundrent is payable to Gaetano Brimmer as successor in title of Gaetano Brimmer whilst the original groundrent was payable to Giuseppe Vella, which groundrent had its origins by means of an act published by Notary Francesco Schembri Zarb on the 5th December 1905, hereby attached and marked document C.

That the applicants wish in the first place to pay the laudemium in favour of the said Gaetano Brimmer and for all intents and purposes the groundrent due for the last three years, as well as to avail themselves of the faculty given to them by Article 1501 of the Civil Code and redeem this groundrent.

That the sum of €14.65 capitalised at 5% amounts to €293.

That the payment of the laudemium as well as of three years groundrent amounts to €58.60.

Thus the applicants call upon this Honourable Court and under its authority deposit in favour of the respondents the sum of €351.60 to be freely withdrawn by them and this after leaving due receipt according to law.

Applicants: c/o Level 1, COR951, Pjazza JF Kennedy, Rabat, Għawdex.

notification – Director Public Registry, Valletta.

Deputy curators

Gaetano Brimmer, Dar il-Ħanin Samaritan, Triq il-Palazz l-Aħmar, Santa Venera.

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor Imħallef Grazio Mercieca LL.D., Duttur tal-Liġi.

Illum 7 ta' Frar 2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Diċembru 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Grazio Mercieca LL.D. Doctor of Laws.

Today 7th February 2023

Registry of the Superior Courts, today 15th December 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2522

Permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Novembru 2023, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-atti tal-Kontromandat fl-ismijiet Karl Francica vs Luke Piscopo kontromandat numru 2207/2023, ordnat s-segwenti pubblikazzjoni biex sservi ta' notifika fil-konfront ta' Karl Francica a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12.

Permezz ta' Kontromandat numru 2207/2023 ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) wara l-Mandat ta' Sekwestru Numru 962/2005 fl-ismijiet Karl Francica (KI 66682M) vs Luke Piscopo (KI 168473M) maħruġ fit-28 ta' April 2005, ir-rikorrenti Luke Piscopo (KI 168473M) talab bil-qima:

Illi din l-Onorabbli Qorti tordna l-ħruġ tal-opportun kontromandat għar-raġuni infraskritta.

Raguni: Illi l-mandat fuq indikat ma' għadux jibqa' fis-seħħ in vista tal-fatt li ma ġiex sewgita l-proċedura kontemplata a tenur tal-artikolu 838B tal-kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li ma ġietx ippreżentata nota fi żmien għoxrin ġurnata fl-atti tal-istess mandat fis-sentenza bl-ismijiet 'Karl Francica vs Luke Piscopo u l-kjamati in kawża Anthony u Rachel McKay mogħtija mill-Qorti tal-Appell (242/2005/1) nhar id-9 ta' Jannar 2009.

Illi kopja tal-imsemmija deċiżjoni tal-Qorti tinsab hawn annessa u mmarkata bħala Dok A.

Illi, inoltre t-titlu eżekuttiv mid-deċiżjoni tal-Qorti ma ġiex esegwit permess ta' rikors wara l-għeluq ta' għaxar snin mill-istess deċiżjoni ai termini tal-artikolu 238(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet tal-Malta.

Kontromandat

Repubblika ta' Malta

By means of a decree of the 22nd November 2023 of the Courts of Magistrates (Malta), in the records of the Counter-Warrant in the names Karl Francica vs Luke Piscopo Warrant Number 2207/2023 the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Karl Francica in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap 12.

By means of a Counter Warrant Number 2207/2023 filed in the Courts of Magistrates (Malta), following the Garnishee Order Number 962/2005 in the names Karl Francica (ID 666882M) vs Luke Piscopo (ID 168473M) issued on the 28th April 2005, the applicant Luke Piscopo (KI 168473M) respectfully asked:

That this Honourable Court orders the issue of the opportune Counter-Warrant for the under mentioned reason.

Reason: That the warrant above indicated is no longer in force in view of the fact that the procedure contemplated in terms of Article 838B of Chapter 12 of the Laws of Malta was not carried out since a note was not filed within twenty days in the records of the same warrant in the judgment with the names "Karl Francica vs Luke Piscopo and the parties called into the suit Anthony and Rachel McKay given by the Court of Appeal (242/2005/1) on the 9th January 2009.

That a copy of the said decision of the Court is hereby attached and marked as Doc A.

That furthermore the executive title from the decision of the Court was not executed by means of an application after the lapse of ten years from the same decision in terms of Article 238 (b) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

Counter Warrant

Republic of Malta

Mandat tal-Qorti

Lil Marixxall tal-Qorti

Billi wara l-esekuzzjoni tal-mandat li għalih jirreferi r-rikors ta' hawn fuq hemm raġunijiet skont il-liġi għala l-istess mandat m'għandux jibqa' jseħħ.

Mogħti mill-Qorti hawn fuq imsemmija tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bix-xhieda tal-Maġistrat Dr Leonard Caruana

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Fl-atti tal-kontromandat numru 2207/2023

Il-Qorti,
Rat ir-rikors datat 22 ta' Settembru 2023;

Tordna n-notifika tiegħu lill-kontroparti bi ġimgħa żmien għar-risposta.

Illum 2 ta' Ottubru 2023.

Notifika Karl Francica, Flat 2, Bieb numru 3, Triq l-Ordinanza, Belt, Valletta u/jew 30, Lotus, Flat 1A, Triq San Timotju, San Pawl il-Baħar.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 15 ta' Diċembru 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Court Warrant

To the Court Marshall

Whereas following the execution of the warrant to which the above application refers there are sufficient reasons according to law why this said warrant is not to remain in force.

Given by the Court above mentioned that is the Courts of Magistrates (Malta) with the witness of the Magistrate Dr Leonard Caruana.

In the Magistrates Court (Malta)

In the records of the Counter-Warrant Number 2207/2023

The Court,
Having seen the application dated 22nd September 2023;

Orders service to the counterparty who has one week within which to reply.

Today 3rd October 2023

Notification: Karl Francica, Flat 2, Bieb numru 3, Triq l-Ordinanza, Belt, Valletta and/or 30, Lotus, Flat 1A, Triq San Timotju, San Pawl il-Baħar.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today, the 15th December 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2523

Bandu għall-kuraturi.

REPUBBLIKA TA' MALTA

Lill-Marixall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-17 ta' Novembru 2023 fuq talba ta' ġo plc ġie ordnat illi jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lil Bentanfous Amor (Ben-Noureddine) u ta' Malta TravelNet Services Limited fl-atti tar-rikors numru 108/2022MLF u fl-atti u l-proċeduri l-oħra relattivi jew sussegwenti fejn:

Go plc (C22334) ta' Triq Fra Diegu, Marsa, MRS 1501, talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkundanna lil kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil Bentanfous Amor (Ben-Noureddine) (KI 20253A) f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Malta TravelNet

Banns for Curators

REPUBLIC OF MALTA

To the Court Marshall

By a decree given by the Court of Magistrates (Malta) on the 17th November 2023, following a request by Go plc it was ordered that Deputy Curators be selected to represent Bentanfous Amor (Ben-Noureddine) and the company Malta TravelNet Services Limited in the acts of the Application Number 108/2022MLF and in other relative and subsequent acts whereby:

Go plc (C 22334) of Triq Fra Diegu, Marsa MRS 1501, requested this Honourable Court to condemn deputy curators for and on behalf of Bentanfous Amor (Ben-Noureddine) (ID 20253A) in his own name and for and on behalf of the company Malta TravelNet Services Limited (C22306) of

Services Limited (C22306) ta' San Girgor, Blokk A, Flat 3, Misraħ Karmenu Grima, Żejtun sabiex jħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €5835.21 in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bir-riferenza 40866608.

Bl-ispejjeż komprizi komprizi d-drittijiet professjonali u bl-imgħaxijiet kummercjali, kontra s-soċjetà intimata, li minn issa hija ngunta għas-subizzjoni.

Il-kawża Avviż Nru 108/2022MLF fl-ismijiet ġo plc vs Bentanfous Amor (Ben-Noureddine) pro et noe tinsab differita għat-2 ta' Frar 2024 fil-11.30a.m.

Rikorrenti: ġo plc – Triq Fra Diegu, Marsa

Notifika: kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla tal-Qorti , u sejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll illi tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx hekk fi żmien mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi ta' l-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew tiltaqa' ma xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fuq xhieda ta' Dr Marseann Farrugia LLD , Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 29 ta' Novembru 2023

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 15 ta' Diċembru 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

22, San Girgor, Block A, Flat 3, Misraħ Karmenu Grima, Żejtun to pay the plaintiff company the sum of €5835.21 in connection with services collected in the account with reference 40866608.

With costs, including professional fees, and commercial interest, against the respondent company, who is from now summoned so that a reference to its oath be made.

The application number 108/2022MLF in the names Go plc vs Bentanfous Amor (Ben-Noureddine) pro et noe is postponed for hearing for the 2nd February 2024 at 11.30a.m.

Applicant: Go plc – Triq Fra Diegu, Marsa

Notification: deputy curators

You are therefore ordered to post a copy of these banns in the entrance of the court and call upon whoever wishes to act as curator to appear within six days in this registry and files a note with a declaration that he is prepared to act as such.

You are also ordered to inform every one that if there is no such declaration within the stipulated time, this court will proceed to the selection of curators of office.

After so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of the said banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned Courts of Magistrates (Malta) with the witness of Dr Marseanne Farrugia LLD, Doctor of Laws, Magistrate of the above mentioned Court.

Today 29th November 2023.

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 15th December 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Ċivili Courts and Tribunals

2524

B'digriet tas-26 ta' Settembru 2023 mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap 12):

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fil-31 ta' Ottubru, 2023 fuq rikors ta' Michael Attard Imports Limited C34433 ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa 17 ta' Jannar 2024 fil-ħdax ta' filgħodu (11:00 am) għall-bejgħ bl-Irkant li għandu jsir f'St. Paul's Garage, Triq il-Parsott, Mosta tal-vetturi

By a decree given on the 26th September 2023 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12):

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 31st October 2023 on the application of Michael Attard Imports Limited C34433, Wednesday 17th January 2024 at eleven in the morning (11:00 a.m.) has been fixed for the Sale by Auction, to be held in St. Paul's Garage Triq il-Parsott,

hawn taħt deskritta maqbuda mingħand Graziella Bezzina KI512393M.

Vettura tal-marka Peugeot Partner ta' kulur abjad bin-numru tar-reġistrazzjoni BQZ 994

Vettura tal-marka Peugeot 107 ta' kulur vjola bin-numru tar-reġistrazzjoni CQZ 662

Vettura tal-marka Peugeot 107 ta' kulur silver bin-numru tar-reġistrazzjoni CQZ 686

Vettura tal-marka Peugeot 107 ta' kulur abjad bin-numru tar-reġistrazzjoni FQZ 492

N.B. Dawn il-vetturi ser jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-Subbasta numru 4/23.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 15 ta' Diċembru, 2023

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Mosta of the following vehicles seized from the property of Graziella Bezzina ID512393M.

Vehicle of the make Peugeot Partner white in colour with the registration number BQZ 994

Vehicle of the make Peugeot 107 purple in colour with the registration number CQZ662

Vehicle of the make Peugeot 107 silver in colour with the registration number CQZ 686

Vehicle of the make Peugeot 107 white in colour with the registration number FQZ 492

N.B. The said vehicles will be sold as described in the acts of judicial sale file number 4/23

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 15th December, 2023.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

2525

Permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Novembru 2023, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tal-ittra fl-ismijiet Zrakava Aryna vs Daniele Privitera Rikors Nru 87/2018AL, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Aryna Zrakava a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' nota ppreżentata mid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fl-atti tar-rikors ġuramentat numru 87/2018AL fl-ismijiet Zrakava Aryna vs Privitera Daniele, ppreżentata fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fit-13 ta' Lulju 2023, ir-rikorrenti Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal permezz ta' din tan-nota qiegħed jippreżenta rapport rilaxxat minn Jeanluc Chetcuti hawn anness u mmarkat bħala Dok AD.

Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)

Onor Abigail Lofaro LL.D. Stud. Rel. Mag. Jur (Eur Law)

Il-Qorti,

Rat ir-rapport

Tordna n-notifika lill-partijiet b'ħamest ijiem utili żmien għar-risposta.

Illum 15 ta' Lulju 2023.

By means of a decree of the 8th November 2023 of the Civil Court (Family Section), in the records of the application in the names Aryna Zrakava vs Daniele Privitera, Application Number 87/2018AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Aryna Zrakava in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of a note by the Directorate for the Child Protection in the records of the Application number 87/2018AL in the names Zrakava Aryna vs Privitera Daniele, filed in the Civil Court (Family Section), on the 13th July 2023, the applicant Directorate for the Child Protection by means of this note is filing a report made by Jeanluc Chetcuti here attached and marked as Doc AD.

Civil Court (Family Section)

Honourable Abigail Lofaro LL.D. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law.)

The Court,

Saw the report;

Order the notification to the parties who have five working days for a reply.

Today 15th July 2023.

Notifika: Aryana Zrakava, 79, Triq Antonio Nani, Rabat.

Il-kawża (Rikors Numru 87/2018AL) fl-ismijiet Aryna Zrakava vs Daniele Privitera tinsab differita għall-10 ta' Jannar 2024 fid-9.15a.m.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 15 ta' Diċembru 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification – Aryna Zrakava – 79, Triq Antonio Noni, Rabat.

The Application (Application Number 87/2018AL) in the names Aryna Zrakava vs Daniele Privitera is put off for hearing on the 10th January 2024 at 9.15a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 15th December 2023,

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2526

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta
Lill-Marixxal tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti , fl-24 ta' Novembru 2023, fuq talba ta' Elizabeth Helall ġie ordnat sabiex jintagħżlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Esam Ebrahim Helal, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 263/2023AGV, fl-ismijiet Elizabeth Helal vs kuraturi deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-20 ta' Novembru 2023, fl-ismijiet Elizabeth Helal nèe Cachia (KI 0134481M) vs kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Wesam Ebrahim Helal (KI 28883A), fejn ir-rikorrenti Elizabeth Helal (KI 0134481M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;

2. Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti għall-kunjom xbubitha ċioè Cachia;

3. Ixxolji l-kommunjoni tal-akkwisti ta' bejn iż-żewġ partijiet u tillikwida u taqsam l-istess kommunjoni f'żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati porzjon wieħed lill-attriċi u l-ieħor lill-intimat, okkorendo billi jigi nominat perit, nutar biex jirċievi l-att opportun u kuratur biex jirrappreżenta lill-kontumaci fl-istess att;

4. Tapplika kontra l-intimat is-saznjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;

5. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li jinsab minn issa ngunt in subizzjoni.

Banns for Curators

Republic of Malta
To the Marshall of the Court.

By means of a decree given by this Court, on the 24th November 2023, following a request of Elizabeth Helal it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absentee Wesam Ebrahim Helal, in the records of the Sworn Application 263/2023AGV, in the names Elizabeth Helal vs deputy curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application, filed in the Civil Court (Family Section), in the names Elizabeth Helal nèe Cachia (ID 0134481M) vs deputy curators to represent the absentee Wesam Ebrahim Helal (ID 28883A), on the 20th November 2023, the applicant Elizabeth Helal (ID 0134481M) requested this Honourable Court so that it:

1. Pronounce the divorce between the parties;

2. Authorise the applicant to revert to her maiden surname namely Cachia;

3. Dissolve the Community of acquests between the two parties and liquidate and divide the same Community into two portions which are assigned one portion to the plaintiff and the other to the respondent, if necessary by appointing an architect, a notary to receive the opportune deed and a curator to represent the defendant in the same deed;

4. Apply against the respondent the penalties contemplated in the provisions of Article 48 of the Civil Code;

5. Order the Registrar of Courts so that, within the time allowed for this purpose by the same Court, he notifies the Director Public Registry of the divorce of the parties so that it be registered in the Public Registry.

With costs against the defendant who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

rikorrenti: Elizabeth Helal, 18 Bini tal-Gvern, Triq il-Mitħna, Bormla, Malta.

notifika: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sejjaħ b' dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f' dan ir-Reġistru u jagħmel b' nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' Onor Imħallef Toni Abela BA, LL.D. Duttur tal-Liġi.

Illum 29 ta' Novembru 2023.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 15 ta' Diċembru 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

Applicant: 18, Bini tal-Gvern, Triq il-Mitħna, Bormla, Malta.

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court (Family Section), above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Toni Ablea BA, LL.D. ,Doctor of Laws.

Today 29th November 2023.

Registry of the Civil Court (Family Section), today 15th December 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

2527

B'digriet tas-16 ta' Novembru 2023, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap 12).

B'rikors preżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-22 ta' Mejju 2023 minn Bank of Valletta Malta plc, Subbasta bin-numru 23/2023 fl-ismijiet Bank of Valletta Malta plc bin-numru tar-reġistrazzjoni C2833 vs Dr Edric Bonello et qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

L-appartament bla numru uffiċjali, internament markat bin-numru wieħed ittra C (1C), li jifforma parti minn blokk indikat "C", jinsab fit-tieni sular (first floor level), formanti parti minn kumpless ta' bini li jinkorpora diversi blokkijiet ta' appartamenti u ħwienet u garaxxijiet sottostanti, kollha adjaċenti, konsistenti f'garaxxijiet fil-livell ta' basement u ħwienet sovrappost fl-ewwel sular (groundfloor) u appartamenti sovraposti, bla numru u magħruf bħala "Manor Court", liema apartament għandu aċċess komuni bla numru flimkien ma tmien (8) appartamenti li flimkien jiffurmaw parti minn blokk wieħed mill-kumpless kollu

By a decree given on the 16th November 2023 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

By the application filed in the Civil Court First Hall on the 22nd May 2023 by Bank of Valletta Malta plc, Judicial Sale file numbered 23/2023 in the names Bank of Valletta Malta plc with the registration number C2833 vs Dr Edric Bonello et is being asked that the Court orders the sale by auction of the:

The apartment unofficially numbered, internally marked with the number one letter C (1C), which forms part of a block indicated "C", situated on the second floor (first floor level), forming part of a building complex incorporates several blocks of apartments and shops and underlying garages, all adjacent, consistent with basement level garages and overlying first floor (groundfloor) shops and overlying apartments, unnumbered and known as "Manor Court", which unnumbered apartment has a common entrance together with eight (8) other apartments which together forms part of one blokk of the entire complex as indicated, known

fuq indikat, magħruf bħala Blokk C, bla numru, minn Triq it-Turisti, Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, inkluż l-użu flimkien mal-proprjetàrji tal-appartament l-oħra li jużaw l-istess entratura, tal-istess bieb jew entratura, is-sala, l-indani, it-taraġ, ix-xaft komuni u/jew btieħi, imma eskluż il-bejt, liema aċċess huwa ristrett kif indikat fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion tad-disgħa ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija disgħa u disgħin (9/6/1999), u servizzi komuni, inkluż il-lift, drejnijiet u d-drenaġġ, dawl komuni u l-ispazji u servizzi l-oħra kollha intiżi għall-użu komuni fl-istess Block C. Il-Blokk ta' appartamenti fuq imsemmi Block C, f'Manor Court, li minnu l-appartament 1C jifforma parti jikkonfima mit-Tramunana ma' Triq it-Turisti, mil-Lvant ma' Triq il-Maskri u mill-Punent ma' proprjetà ta' Manor Investments Limited jew is-suċċessuri tagħha fit-titlu, mentri l-kumpless kollu magħruf bħala "Manor Court" jikkonfina mit-Tramuntana ma' Triq it-Turisti, mill-Lvant ma' Triq Għawdex u mill-Punent ma' triq ġdida li tiżbokka fi Triq it-Turisti u dana l-fond ġie akkwistat permezz ta' kuntratt datat id-disgħa ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija disgħa u disgħin (9/6/1999) in atti n-Nutar Dottor Carmel Mangion.

L-imsemmija proprjetà tappartjeni lil Dottor Edric Bonello KI 271799M u Ann Bonello KI316068M

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 14 ta' Diċembru 2023.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

as Block C, unnumbered, in Triq it-Turisti, Qawra limits of San Pawl il-Baħar, with all its right and appertunances, including the use together with the other apartment owners who use the same entrance, the same door or entrance, the hall, the hallways, the stairs, the common shaft and/or courtyards, but excluding the roof, which access is restricted as indicated in the contract in the records of Notary Carmel Mangion of the ninth of June of the year one thousand nine hundred and ninety nine (9/6/1999), and common services, including the lift, drains and the drainage, common lighting and all other spaces and services intended for common use in the said Block C. The block of above mentioned apartments Block C, in Manor Court, of which apartment 1C forms part bounded on the North by Triq it-Turisti, East by Triq il-Maskri and u West by property of Manor Investments Limited or its successors in title, while the entire complex known as "Manor Court" bounded on the North by Triq it-Turisti, East by Triq Għawdex and East by new street that abuts into Triq it-Turisti and this was acquired through a contract dated ninth June of the year one thousand nine hunderd and ninety nine (9/6/1999) in records of Notary Doctor Carmel Mangion.

The said property belongs to Dottor Edric Bonello ID271799M and Ann Bonello ID 316068M

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 14th December 2023.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2528

Permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Novembru 2023, mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat Numru 213/23JPG fl-ismijiet Dr Stefan Vella vs Naoual ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Naoual Belbesri a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta rikors fl-ismijiet Dr Stefan Vella (KI 96475M) vs Naoual Belbesri (KI AB229696) fl-atti tar-rikors ġuramentat Numru 213/2023JPG, pprezentat fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-15 ta' Settembru 2023, ir-rikorrenti Dr Stefan Vella (KI 9675M) talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minħabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenuta kif fuq spjegat u tawtorizza l-attur sabiex jgħix separatament mill-konvenuta;

2. Tiffissa manteniment għall-esponent skont il-bżonnijiet tiegħu, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament inkluż

By means of a decree of the 16th November 2023 of the Civil Court (Family Section), in the records of the sworn application in the names Dr Stefan Vella vs Naoual Belbesri, Application Number 213/2023JPG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Naoual Belbesri in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

By means of an Application in the records of the sworn application Number 213/2023JPG in the names Dr Stefan Vella (ID 96475M) vs Naoual Bebesri (ID AB229696), filed in the Civil Court (Family Section), on the 15th September 2023, the applicant Dr Stefan Vella (ID 96475M) requested this Honourable Court to:

1. Declare and pronounce the personal separation between the parties and this due to faults solely and exclusively imputable to the defendant as above explained and authorise the plaintiff to live separately from the defendant;

2. Fix maintenance for the applicant according to his needs, with all those modalities of payment including

provvediment għaż-żieda perjodika biex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja;

3. Tordna li kwalsiasi manteniment li ser jiġi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti għandu jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenuta, mill-impjieg jew xogħol li hija għandha jew jista' jkollha, jew min kwalsiasi benefiċċji soċjali li hija tista' tkun qed tirċievi minn żmien għal żmien;

4. Tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tipercepixxi manteniment mingħand l-attur;

5. Tappika kontra l-konvenuta l-effetti in toto jew in parte tal-Artikolu 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluża l-komminazzjoni li tilfet kull dritt li tiret lill-attur.

6. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jiġu stabbiliti porzjonijiet in diviżjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tiġi stabbilita data minn meta l-konvenuta titqies li ddekadiet minn kull akkwist magħmul bix-xogħol u bil-ħila tal-esponent, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi u bin-nomina ta' natura sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrappreżenta lill-konvenuta fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

7. Tordna lill-konvenuta sabiex tirrestitwixxi lill-esponent l-beni u krediti parafenali u dotali tiegħu li ser jirriżultaw waqt il-mori tal-kawża, kif ukoll l-ispejjeż li saru da parti tal-istess esponent qabel iż-żwieġ u dan fi żmien qasir u perentorju li għadu jiġi lilha prefis minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-konvenuta tagħmel dan, tikkundannha tħallas lill-esponenti dik is-somma li għandha tiġi hekk likwidata, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi, rappreżentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti.

8. Tiddividi l-ġid ieħor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwist;

9. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi eptati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaci

10. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċelebrat bejjn il-partijiet nhar il-5 ta' Novembru 2020;

11. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku kemm bis-separazzjoni kif ukol bil-ħall taż-żwieġ tal-partjiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta.

12. Tawtorizza lill-attur sabiex jirreġistra l-eventwali sentenza fir-Reġistru Pubbliku.

provision for the periodic increase to compensate for the cost of living;

3. Order that any maintenance that shall be liquidated by this Honourable Court shall be deducted directly from the salary or income of the defendant, from the employment or work that she has or may have, or from any social benefits that she may be receiving from time to time;

4. Declare that the defendant forfeited any right to claim or to plead maintenance from the plaintiff;

5. Apply against the defendant the effects in full or in part of Article 48 to 53 of Chapter 16 of the Laws of Malta to the extent applicable, including the confirmation that she forfeits all rights of inheriting the plaintiff.

6. Dissolve and terminate the Community of acquests between the parties and liquidate the same in such a manner that divided portions are established and assigned to the parties and, by also establishing a date from when the defendant is deemed to have lapsed from every acquisition made by the work and skill of the interpellant, and all this if necessary by the operation of referees nominated and by the nomination of notaries to publish the opportune deed and of a curator to represent the defendant if she fails to appear on the same act;

7. Order the defendant to refund to the applicant his paraphernal and dotal property and credits which shall result during the proceedings, as well as the expenses incurred on the part of the same applicant before the marriage and this within a short and peremptory time which is to be set by this Court and if the defendant fails to do so, condemn her to pay the interpellant that sum which is to be liquidated, if necessary by the appointment of referees, representing the value of the paraphernal property above mentioned.

8. Divide the other common assets of the parties not forming part of the Community of acquests;

9. Nominates a Notary Public to publish the relative deed and curators to represent the defendant if she fails to appear.

10. Pronounce the dissolution of the marriage which was celebrated between the parties on the 5th November 2020;

11. Order the Registrar of Courts so that within the time allowed for this purpose by the same Honourable Court, he notifies the Director Public Registry both of the separation and also of the dissolution of marriage of the parties so that it be registered in the Public Registry of Malta.

12. Authorise the plaintiff to register the eventual judgement in the Public Registry.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Il-kawża fl-ismijiet Dr Stefan Vella vs Naoual Belbesri (Rik Nru 213/2023JPG) hija differita għat-22 ta' Jannar 2024 fil-11.30a.m.

Rikorrenti: 3, Hemda, Triq in-Naħal, Naxxar.

Notifika – Caprice Flats, Flat 5, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 15 ta' Diċembru 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs against the defendant who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

The application in the names Dr Stefan Vella vs Naoual Belbesri, Application Number 213/2023JPG has been postponed for hearing to the 22nd January 2024 at 11.30a.m.

Applicant: 3, Hemda, Triq in-Naħal, Naxxar.

Notification – Caprice Flats, Flat 5, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 15th December 2023,

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2529

Permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Ottubru 2023, fl-atti tal-protest numru 345/2023 , fl-ismijiet l-Avukat Edwin Galea et vs Peter Pace et, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ordnat is-segwenti publikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur ta' l-Artikolu 187(3) et seq tal-Kap 12 fil-konfront tal-intimati.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Fl-atti tal-protest ġudizzjarju numru 345/2023 fl-ismijiet

Avukat Edwin Galea u Maria Gela (KI 164648M u 218649M rispettivament)

Vs

Peter u Joanna konjugi Pace

Illum 21 ta' Lulju 2023.

Protest tal-Avukat Edwin Galea u ta' martu Maria Galea jesponu bir-rispett:

Illi huma l-proprjetàrji tal-fond numru 36, Triq iż-Żebbuġ, San Ġiljan fl-inħawi imsejjaħ The Gardens;

Illi fl-estrem ta' dan il-fond, fuq in-naħa tan-nofsinhar tiegħu għandhom dritt ta' passaġġ wiesgħa 3.048 metri li jipprovdilhom minn grada tagħhom indirizzata 4, Triq it-Tamal, San Ġiljan, passaġġ/aċċess għal Triq it-Tamal, San Ġiljan.

Illi dan il-passaġġ jiġi maġenb il-proprjetà tal-protestati konjugi Pace li ġġib in-numru 2, Triq it-Tamal, San Ġiljan.

By means of a decree of the 23rd October 2023, in the records of the judicial protest number 345/2023 in the names Advocate Edwin Galea et vs Peter Pace et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) et seq of Chapter 12 on the respondents.

In the First Hall of the Civil Court

In the records of the Judicial protest number 345/2023

Advocate Edwin Galea and Maria Galea (ID 164648M and 218649M respectively)

vs.

Peter and Joanna spouses Pace

Today, 21st July 2023

Protest of Advocate Edwin Galea and his wife Maria Galea submit with respect:

That they are the owners of the premises number 36, Triq iż-Żebbuġ, San Ġiljan in the area known as The Gardens;

That at the rear end of these premises, on its southern side they enjoy a right of passage 3.048 metres wide which provides them with a passage/access from their gate addressed 4, Triq it-Tamal, San Ġiljan, to Triq it-Tamal, San Ġiljan.

That this passage is adjacent to the property of the respondents spouses Pace who bears the number 2, Triq it-Tamal, San Ġiljan.

Illi l-protestati u/jew membri tal-familja tagħhom qed jostakolaw dan id-dritt ta' passaġġ tal-protestanti billi jingombrawh kemm b'veġetazzjoni eċċessiva kif ukoll bl-ipparkjar tal-karrozzi tagħhom, kull tant viċin tant tal-grada tal-protestanti li huma u l-familjari tagħhom lanqas biss ma' jkunu jistgħu jgħaddu minn dan il-passaġġ speċjalment meta jkun qed iġorru it-trabi u xi attrezzi tagħhom.

That the respondents and/or members of their family are obstructing this right of passage of the applicants both with excessive vegetation and by parking their cars, sometimes so close to the gate of the applicants that themselves and their relatives cannot even pass through this passage especially when carrying babies and some of their equipment.

Illi inoltre fil-ħajt diviżorju ta' bejn il-proprjetàjiet tagħhom, il-protestati fetħu u ħallew apertura mdaqqsa illegali, u mal-istess ħajt diviżorju għaddew u waħħlu, fuq in-naha tal-protestanti, diversi wires u b'hekk illegalment invadew l-arja tal-protestanti, liema wires setgħu faċilment għaddewhom fuq l-arja tagħhom.

That furthermore in the dividing wall between their properties, the respondents opened and left a sizeable illegal aperture, and with the same dividing wall passed and fixed, on the side of the protesting parties, various wires and thus illegally invading the airspace of the protesting parties, which wires could easily have been passed on their airspace.

Għaldaqstant, l-protestanti filwaqt li jġibu l-premess a formali konjizzjoni tal-protestati jgħarrfuhom li qed iżommuhom responsabbli għad-danni kollha li huma batew u jistgħu ibagħtu minħabba dan l-aġir illegali u abbużiv tagħhom u għaldaqstant, jqegħduhom f'dolo, mora u culpa għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u konsegwentement, jinterpellawhom u jintimawhom sabiex (1) ma jipparkjawx aktar il-karozzi tagħhom u ta' wliedhom fil-passaġġ fuq imsemmi quddiem Triq it-Tamal numru 4 biex b'hekk iħallu l-istess passaġġ liberu ad użu tal-protestanti mingħajr ebda xkiel ta' xejn (2) u allura fi żmien raġonevoli li m'għandux ikun itwal minn ġimgħatejn jneħħu l-ostakoli l-oħra kollha (konsistenti f'veġetazzjoni u gebel) li qed inaqqsu lill-protesanti mill-godiment sħiħ u liberu tad-dritt ta' passaġġ li jwassal ml-proprjetà tagħhom għal ġo Triq it-Tamal u dana skont l-artikoli 400 u 454 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta); (3) jagħlqu l-apertura llegali u abbużiva tagħhom li hemm fil-ħajt komuni bejn il-proprjetàjiet rispettivi tagħhom fuq imsemmija u dana skont l-artikolu 425 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta; u (4) ineħħu l-wires li qegħdin illegalment jinvadu l-arja tal-protestanti u dana skont l-artikolu 323 tal-istess Kodiċi Ċivili ta' Malta.

Thus, the applicants whilst bringing the above to the formal notice of the respondents recognize that they are holding them responsible for all the damages they suffered and may suffer because of their illegal and abusive behaviour and thus, place them in dolo, mora and culpa for all intents and purposes of law, and consequently, call upon them and intimate them so that (1) they no longer park their cars and of their children in the passage above mentioned in front of Triq it-Tamal number 4 such that they leave the same passageway free for the use of the applicants without any obstruction whatsoever (2) and thus within a reasonable time which shall not be longer than two weeks remove all other obstacles (consisting in vegetation and stones) which are reducing the applicants' full and free enjoyment of the right of passageway leading their property to Triq it-Tamal and this according to Articles 400 and 454 of the Civil Code (Chapter 16 of the Laws of Malta); (3) close the abusive and illegal aperture in the common wall between their respective properties above mentioned and this according to Article 425 of the Civil Code of Malta; and (4) remove the wires that are illegally invading the airspace of the applicants and this according to Article 323 of the same Civil Code of Malta.

Bl-ispejjeż u b'riserva ta' kull dritt ieħor spettanti lill-protesanti skont il-liġi.

With costs and saving any other right due to the applicants according to law.

Protestanti: 36, Triq iż-Żebbuġ, San Ġiljan STJ 1952.

applicants: 36, Triq iż-Żebbuġ, San Ġiljan, STJ 1952.

Notifika: Peter Pace – 2, Triq it-Tamal, San Ġiljan.
Joanna Pace – 2, Triq it-Tamal, San Ġiljan.

Notification: Peter Pace 2 Triq it-Tamal, San Ġiljan
Joanna Pace 2 Triq it-Tamal, San Ġiljan

Registru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Diċembru 2023.

Registry of the Superior Courts today 15th December 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2530

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-22 ta' Diċembru, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2176/2022, fl-ismijiet Automated Revenue

By means of a decree of the 22nd December, 2022, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 2176/2022 in the names

Management Services Ltd noe vs Jeffrey Attard, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Jeffrey Attard a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 29 ta' Awwissu, 2022

Lil Jeffrey Attard (KI 428673M) ta' 1, Lara Buildings, Flt 3, Triq Ġużeppi Calleja, L-Iklin

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €3,123.05, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont u liema Ammont jikkonsisti fis-segwenti:

i. Inkwantu l-kont numru 411000129503 l-ammont ta' €2,717,11 fil-fond bl-indirizz Unit 1, 1 Lara Buildings Triq Ġużeppi Calleja, L-Iklin; u

ii. Inkwantu l-kont numru 411000153617 l-ammont ta' €405.94 fil-fond bl-indirizz Garage 75, Triq il-Ġdida, Ħal Qormi.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 15 ta' Diċembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Automated Revenue Management Services Limited noe vs Jeffrey Attard the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Jeffrey Attard in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 29th August, 2022

To Jeffrey Attard (ID 428673M) of 1, Lara Buildings, Flt 3, Triq Ġużeppi Calleja, Iklin

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €3,123.05, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount which amount consists of the following:

i. As for bill number 411000129503 in the amount of €2,717,11 regarding the premises Unit 1, 1 Lara Buildings, Triq Ġużeppi Calleja, Iklin; and

ii. As for bill number 411000153617 in the amount of €405.94 regarding the premises Garage 75, Triq il-Ġdida, Ħal Qormi.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 15th December, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2531

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-17 ta' Marzu, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3282/2022, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Giuseppa Mejlaq, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Giuseppa Mejlaq a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 15 ta' Diċembru, 2022

Lil Giuseppa Mejlaq (KI 724035M) ta' 56, Eminar, Triq San Ġorġ, San Pawl il-Baħar

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €3,465.62, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont u liema Ammont jikkonsisti fis-segwenti:

i. Inkwantu l-kont numru 101000085711 l-ammont ta' €3,402.14 fil-fond bl-indirizz Riton Private RD 7A, Triq San Ġorġ, San Pawl il-Baħar; u

ii. Inkwantu l-kont numru 101000063230 l-ammont ta' €63.48 fil-fond bl-inirizz 46, Eminar G/F, Triq San Ġorġ, San Pawl il-Baħar.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

By means of a decree of the 17th March, 2023, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 3282/2022 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Giuseppa Mejlaq the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Giuseppa Mejlaq in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 15th December, 2022

To Giuseppa Mejlaq (ID 724035M) of 56, Eminar,Triq San Ġorġ, St Paul's Bay

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €3,465.62, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount which amount consists of the following:

i. As for bill number 101000085711 in the amount of €3,402.14 regarding the premises Riton Private RD, 7A, Triq San Ġorġ, St Paul's Bay; and

ii. As for bill number 101000063230 in the amount of €63.48 regarding the premises 56, Eminar G/F Triq San Ġorġ, St Paul's Bay.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 15 ta' Diċembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 15th December, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2532

Permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Ottubru, 2023, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2735/2023, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi vs Andrew Michael Cutajar, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Andrew Michael Cutajar a tenur tal-Artikolu 187 (3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 22 ta' Ġunju, 2023

Lil Andrew Michael Cutajar (KI 0411988M) ta' 7, Flat 16, Triq Girogio Preca, San Ġwann

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxi ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, jinterpellak ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII ta' 1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €110,797.36 rapprezentanti ammont minnek dovut bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxi għandu kontra tiegħek permezz tal-avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

By means of a decree of the 23rd October, 2023, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 2735/2023, in the names Commissioner for Revenue vs Andrew Michael Cutajar, the following publication for the purpose of service on the respondent Andrew Michael Cutajar was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 22nd June, 2023

To Andrew Micahel Cutajar (ID 0411988M) of 7, Flat 16, Triq Girogio Preca, San Ġwann

By the present the Commissioner for Revenue of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €110,797.36 representing amount due by you pro et noe as Value Added Tax according to the same Act .

With costs and interest according to the said Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Revenue has against you by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants inform you that they shall pass to execute the said executive title they have against you by means of the opportune warrants without further notice.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 15 ta' Diċembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 15th December, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2533

Permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Novembru, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 24651/23, fl-ismijiet Segretarju Permanenti tal-Ministeru għas-Saħħa vs Anju Maniyappan, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

By means of a decree given on the 14th November, 2023, in the records of the judicial letter number 2461/2023, in the names Permanent Secretary in the Ministry for Health vs Anju Maniyappan, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service on the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Anju Maniyappan (KI 165832A) ta' 35, Il-Brija, Triq E. B. Vella, Il-Mosta, fil-11 ta' Awwissu, 2023, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tas-Saħħa ta' 11, Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, jinterpellak sabiex fi żmien ġimgħa minn din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €1627.52 rappreżentanti overpayment magħmul mill-Isptar Mater Dei. Kull pagament għandu jiġi indirizzat lil Cashier Malta Government – Ministry for Health, u mibgħut/meħud fid-Dipartment tal-Finanzi fl-Isptar Mater Dei.

Fin-nuqqas il-mittenti se jipproċedi ulterjorment kontra tiegħek mingħajr avviż ieħor bil-ħruġ tal-mandati opportuni skont il-liġi.

Din l-ittra qiegħda tintbagħat lilek ai termini tal-artikoli relattivi tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek

Bl-imgħax u bl-ispejjeż tal-preżenti sal-eventwali ħlas.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 15 ta' Diċembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Anju Maniyappan (ID 165832A) of 35, Il-Brija, Triq E. B. Vella, Mosta, on the 11th August, 2023, Permanent Secretary of the Ministry for Health of 11, Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta, solicits you so that within one week from this letter you pay the amount of €1,627.52 representing overpayment done from Mater Dei Hospital. Any payment has to be addressed to the Cashier Malta Government – Ministry for Health, and sent/taken in the Finance Department of Mater Dei Hospital.

In default the interpellant shall proceed furtherly against you without further notice with the issuance of the opportune warrants according to law.

This letter is sent to you in terms of articles relative to the Civil Code (Cap. 16) of the Laws of Malta.

So much for your own guidance

With interest and costs of this present till the effective payment.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 15th December, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2534

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-15 ta' Novembru, 2023, Rikors numru 1880/2023, minn Zarena Calleja et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Zarena Calleja, Rosaria Sammut, Antonia Agius, Philip Bonnici, Emanuel Bonnici, John Bonnici u Paolo Bonnici ħut id-decujus fi kwota ta' deċima (1/10) parti indiviż kull wieħed u waħda minnhom; favur Stefan Bonnici Martin Bonnici wlied l-mejjet Karmnu Bonnici dan tal-aħħar ħu d-decujus fi kwota ta' decima (1/10) parti indiviża bejniethom favur Ruben Attard u Clifford Attard ulied il-mejta Giorgia Attard din tal-aħħar oħt id-decujus fi kwota ta' decima (1/10) parti indiviża bejniethom u favur Malcolm Bonnici u Morgan Colin Bonnici wlied il-mejjet Mario Bonnici dan tal-aħħar ħu d-decujus fi kwota decima (1/10) parti indiviża bejniethom is-suċċessjoni ta' Joseph Bonnici, ġuvni, bin il-mejtin Riccardo Bonnici u Giuseppa Bonnici née Grima, imwieled Ħaż-Żebbuġ, kien residenti Ħaż-Żebbuġ, Malta u miet l-Imsida, Malta, fis-26 ta' Jannar, 2022, ta' 81 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 0441840M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 15th November, 2023, Application number 1880/2023, by Zarena Calleja et whereby they requested that it be declared open in favour of Zarena Calleja, Rosaria Sammut, Antonia Agius, Philip Bonnici, Emanuel Bonnici , John Bonnici and Paolo Bonnici brothers and sisters of the decujus in the quota of one tenth (1/10) undivided share each one of them; in favour of Stefan Bonnici and Martin Bonnici children of the late Karmnu Bonnici the latter brother of the decujus in the quota of one tenth (1/10) undivided share between them; in favour of Ruben Attard and Clifford Attard children of the late Giorgia Atard the latter sister of the decujus in the quota of one tenth (1/10) undivided share between them and in favur Malcolm Bonnici and Morgan Collin Bonnici children of the late Mario Bonnici the latter brother of the decujus in the quota of one tenth (1/10) undivided share between them the succession of Joseph Bonnici, bachelor, son of the late Riccardo Bonnici and Giuseppa Bonnici née Grima, born in Ħaż-Żebbuġ, resided in Ħaż-Żebbuġ and died in Msida, Malta on the 26th January, 2022, aged 81, and who held identity card number 0441840M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute

jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 15 ta' Diċembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 15th December, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2535

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla, fil-15 ta' Gunju 2023, Rikors Numru:407/2023GM KK, fl-atti taċ-Ċedoli ta' Depożitu Numri:2186/2018, 2026/2019, 1537/2019, 2218/2021 u 796/2021, li ġie ppreżentat fit-12 ta' Mejju 2022, fl-ismijiet:Peter Fenech Avukat noe vs Express Logigroup Ltd, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 416(1) et seq. tal-Kap.12. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna l-ftuħ tal-Konkors tal-Kredituri, ai termini tal-Artiklu 416 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap.12), fuq id-depożitu li sar permezz taċ-ċedoli ta' depożitu hawn fuq imsemmija. Għaldaqstant, kull min jista' jkollu interess għandu iġib il-quddiem il-jeddijiet tiegħu fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni.

Is-Seduta fl-ismijiet imsemmija hawn fuq hija differita ghall-15 ta' Jannar 2024 fid-09.00 a.m.

Notifika: John Ripard & Son Shipping Ltd. 3, Pjazza Kappillan Muscat, Hamrun.

Abdel Karim. Company Secretary of Unique Turnkey Ltd. Coral. Triq Ras il-Ġebel, Xgħajra.

Vella Kenneth. Company Secretary of JK Pace Co Ltd. Lucky Place. 1, Main Street, Mosta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 6 ta' Diċembru 2023.

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT. D.P.A; DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree issued by the Civil Court, First Hall, on the 15th June 2023, Application Number: 407/2023GM KK, in the records of the Schedules of Deposit Nos:2186/2018, 2026/2019, 1537/2019, 2218/2021 and 796/2021, which was presented on the 12th May 2022, in the names: Peter Fenech Advocate noe vs Express Logigroup Ltd, the following publication was ordered pursuant to Article 416(1) et seq. of Chapter 12. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Order that proceedings be initiated for the ranking of claims, in terms of Article 416 of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12), on the deposits made through the Schedules of Deposit mentioned above. Moreover, anyone who may have an interest must bring forward their rights within one month from the date of publication.

The Hearing in the names mentioned above is adjourned to 15th January 2024 at 09.00 a.m.

Notification: John Ripard & Son Shipping Ltd. 3, Pjazza Kappillan Muscat, Hamrun.

Abdel Karim. Company Secretary of Unique Turnkey Ltd. Coral, Triq Ras il-Ġebel, Xgħajra.

Vella Kenneth. Company Secretary of JK Pace Co Ltd. Lucky Place, 1, Main Street, Mosta.

Register of the Superior Courts, today, 6th December 2023.

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT. D.P.A.; DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2536

Avviż skont l-artikolu 495A(3) tal-Kodiċi Ċivili maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Rikors numru 67/2023 (SG)

Notice in terms of article 495A(3) of the Civil Code issued by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section

In the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

Sworn application number 67/2023 (SG)

Maria Carmela sive Marlene Muscat, detentriċi tal-karta tal-identità numru 13259G

Catherine sive Kitty Galea, detentriċi tal-karta tal-identità numru 27360G

Clementina Portelli, detentriċi tal-karta tal-identità numru 41950G

Francis Galea, detentur tal-karta tal-identità numru 36763G

Carmelo Galea, detentur tal-karta tal-identità 269G

Maryanne Galea, detentriċi tal-karta ta'l-identità numru 25467G

Paul Galea, detentur tal-karta tal-identità numru 44352G

vs

L-Avukat Dott. Kevin Mompalao li b'digriet tal-10 ta' Awwissu, 2023, ġie maħtur kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lil Joseph Galea, u b'digriet ieħor tas-7 ta' Diċembru, 2023, l-istess Avukat Dott. Kevin Mompalao ġie maħtur kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-persuni mhux magħrufa.

Rikors ta' Maria Carmela sive Marlene Muscat, Catherine sive Kitty Galea, Clementina Portelli, Francis Galea, Carmelo Galea, Maryanne Galea, Paul Galea detenturi tal-karti tal-identità numri 13259G, 27360G, 41950G, 36763G, 269G, 25467G u 44352G rispettivament u l-imsemmija Maryanne Galea tikkonferma bil-ġurament filwaqt illi tiddikjara illi hija taf il-fatti esposti personalment:

1. Illi dan ir-rikors odjern jirrigwarda l-proprjetà segwenti: lok ta' djar bl-isem 'Galea House', bin-numru tlieta (3) fi Triq Simirat, Għajnsielem, Għawdex, bid-drive in tal-garaxx annessa tal-kejl komplessiv ta' madwar mitejn u ħamsa u sittin metru kwadru (265m.k.) mil-Lvant ma' Triq Simirat, min-Nofsinhar ma' proprjetà Carmela Rapa jew suċċessuri fit-titolu tagħhom u mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Rita Link jew suċċessuri fit-titolu tagħha kif murija bil-kulur aħmar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata dokument A;

2. Illi l-ġenituri tal-kontendenti, Loreto u Carmela konjuġi Galea, kienu sidien ta' erba' ishma minn ħamsa (4/5) indiviżi filwaqt illi r-rimanenti kwinta parti indiviża tappartjeni lil terzi mhux magħrufa;

3. Illi Loreto u Carmela konjuġi Galea kellhom tmint itfal, Carmelo, Francis, Mary Anne Galea, Clementia Portelli, Marlene Muscat, Catherine sive Kitty Spiteri, Paul u Joseph ilkoll aħwa Galea;

Maria Carmela sive Marlene Muscat, holder of identity card number 13259G

Catherine sive Kitty Galea, holder of identity card number 27360G

Clementina Portelli, holder of identity card number 41950G

Francis Galea, holder of identity card number 36763G

Carmelo Galea, holder of identity card 269G

Maryanne Galea, holder of identity card number 25467G

Paul Galea, holder of identity card number 44352G

vs

Advocate Dr Kevin Mompalao who by virtue of a decree dated the 10th of August, 2023, was appointed as deputy curator to represent Joseph Galea, and by another decree of the 7th of December, 2023, the said Advocate Dr Kevin Mompalao was appointed as deputy curator to represent the unknown persons.

Sworn application of Maria Carmela sive Marlene Muscat, Catherine sive Kitty Galea, Clementina Portelli, Francis Galea, Carmelo Galea, Maryanne Galea, Paul Galea holders of identity cards numbers 13259G, 27360G, 41950G, 36763G, 269G, 25467G and 44352G respectively and the said Maryanne Galea confirms on oath and she declares that she knows the below facts personally:

1. That this present application relates to the following property: a house with the name 'Galea House', with the number three (3) in Triq Simirat, Għajnsielem, Gozo, with the drive-in of the attached garage of the overall measurement of approximately two hundred and sixty-five square meters (265 m2) east with Triq Simirat, south with property of Carmela Rapa or their successors in title and north with property of Rita Link or successors in its title as shown in red on the plan here attached and marked document A;

2. That the parents of the contenders, Loreto and Carmela spouse Galea, were owners of four out of five (4/5) undivided shares while the remaining fifth undivided part belongs to unknown third parties;

3. That Loreto and Carmela spouse Galea had eight children, Carmelo, Francis, Mary Anne Galea, Clementia Portelli, Marlene Muscat, Catherine sive Kitty Spiteri, Paul and Joseph all Galea brothers;

4. Illi l-imsemmi Loreto Galea miet fir-Rabat, Għawdex, fil-ħmistax (15) ta' Frar tas-sena elfejn u ħmistax (2015);

5. Illi l-imsemmija Carmela Galea mietet f'Victoria, Għawdex, fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015);

6. Huma rregolaw is-suċċessjoni tagħhom bis-segwenti testmenti:

testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dott. Paul George Pisani tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru, elfejn (2000), fejn ħallew b'titolu ta' prelegat a favur binhom Francis Galea kwart indiviż mil-lok ta' djar tar-residenza tat-testaturi fin-numru tlieta (3) fi Triq Simirat, Għajnsielem, Għawdex, bid-drive-in tal-garaxx annessa, u nnominaw bħala eredi universali tagħhom lit-tmien (8) uliedhom u ċjoè Carmelo, Francis, Mary Anne mart Mokhtar Mohamed Elmajdubi, Catherine sive Kitty ġja mart Billy Spiteri li ż-żwieġ tagħha llum ġie annullat, Paul u Joseph aħwa Galea fi kwoti ugwali u indiviżi bejniethom,

testment ieħor unica charta fl-atti tan-Nutar Dott. Paul George Pisani tas-sittax (16) ta' Settembru elfejn u erbgħa (2004) testment li sar minn Loreto Galea waħdu fl-atti tan-Nutar Dott. Paul George Pisani fil-wieħed u tletin (31) ta' Awissu elfejn u għaxra (2010) fejn huwa permezz tat-tielet artikolu ħalla b'titolu ta' prelegat a favur uliedu: Marlene Muscat armla ta' Raymond Muscat u Maryanne Galea mart Mokhtar Mohamed Elmajdubi, fi kwoti ugwali bejniethom, tliet kwarti (3/4) indiviżi minn sehem it-testatur, mil-lok ta' djar fuq imsemmi;

7. Illi bis-saħħa ta' konvenju ffirmat fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru elfejn tnejn u għoxrin (2022), ir-rikorrenti kollha obbligaw ruħhom li jbigħu sehemhom mil-lok ta' djar bl-isem 'Galea House', bin-numru tlieta (3) fi Triq Simirat, Għajnsielem, Għawdex, bid-drive in tal-garaxx annessa tal-kejl kumplessiv ta' madwar mitejn u ħamsa u sittin metru kwadru (265m.k.), FBM Investments Limited bil-prezz ta' tliet mija u ħamest elef ewro (€305,000), ikkalkolat b'valur ta' erba' mitt elf ewro (€400,000) għall-intier;

8. Illi kien minn riċerki li saru bi preparazzjoni għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt li rriżulta li l-konjuġi Galea kellhom biss erba' partijiet minn ħamsa (4/5) minn dan il-fond mentri l-kwinta parti l-oħra ma huwiex magħruf lil min tappartjeni;

9. Dan il-konvenju ġie debitament irreġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni bir-referenza ... u baqa' jiġi mġedded sal-lum;

10. Illi FBM Investments Limited għandha a favur tagħha wegħda ta' bejgħ ta' wieħed u sittin sehem minn tmenin (61/80) indiviżi;

4. That the said Loreto Galea died in Victoria Gozo, on the fifteenth (15th) day of February of the year two thousand and fifteen (2015);

5. That the said Carmela Galea died in Victoria, Gozo, on the twenty-fifth (25th) day of May of the year two thousand and fifteen (2015);

6. They regulated their succession by means of the following wills:

a unica charta will in the acts of the Notary Dr Paul George Pisani of the twenty-ninth (29) of September, two thousand (2000), where they left with the title of prelegacy in favour of their son Francis Galea an undivided quarter from the place of houses of residence of the testators at number three (3) in Triq Simirat, Għajnsielem, Gozo, with the attached garage drive-in, and nominated as their universal heirs their eight (8) children and Carmelo, Francis, Mary Anne wife of Mokhtar Mohamed Elmajdubi, Catherine sive Kitty became wife of Billy Spiteri whose marriage was annulled today, Paul and Joseph Galea brothers in equal and undivided quotas between them,

another unica charta will in the acts of the Notary Dr Paul George Pisani of the sixteenth (16) of September two thousand and four (2004) will made by Loreto Galea alone in the acts of the Notary Dr Paul George Pisani on the thirty first (31) of August two thousand and ten (2010) where he through the third article left with the title of prelegacy in favour of his children: Marlene Muscat widow of Raymond Muscat and Maryanne Galea wife of Mokhtar Mohamed Elmajdubi, in equal quotas between them, three quarters (3/4) undivided of the testator's share, from the house mentioned above;

7. That by virtue of an agreement signed on the twenty-ninth (29th) day of September two thousand and twenty-two (2022), all the claimants bound themselves to sell their share of the house named 'Galea House', with number three (3) in Triq Simirat, Għajnsielem, Gozo with the drive-in of the attached garage measuring approximately two hundred and sixty-five square meters (265 m2) to FBM Investments Limited for the price of three hundred and five thousand euro (€305,000), calculated with a value of four hundred thousand euro (€400,000) for the whole property;

8. That it was from searches done in preparation for the publication of the contract that it turned out that the spouses Galea had only four parts out of five (4/5) of this property while the other fifth part is not known to whom it belongs;

9. This agreement was duly registered with the Commissioner of Inland Revenue with reference number ... and it kept on being renewed till today;

10. That FBM Investments Limited has in its favour a promise of sale of sixty one out of eighty (61/80) undivided shares;

11. Illi l-intimat Joseph Galea għandu tliet ishma minn tmenin (3/80) indiviżi minn din il-proprjetà mentri kif intqal fuq ma huwiex magħruf min huwa s-sid tar-rimanenti kwinta parti;

12. Illi l-esponenti jemmnu li l-prezz pattwit bejn ir-rikorrenti kollha huwa wieħed vantaġġjuż ikkunsidrat il-kejl ta' dan il-fond, kif ukoll il-lokalità li fih jinsab, u ċ-ċirkustanzi kollha relatati ma' dawn il-fondi u dan kif jidher mill-istima ġuramentata tal-perit hawn annessa bħala Dokument B;

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja l-pubblikazzjoni ta' dan ir-rikors fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta oħra lokali fit-termini tal-artikolu 495A tal-Kap. 16;

1) Tiddikjara li l-prezz kif ukoll il-kundizzjonijiet proposti għall-bejgħ ta' sehem ir-rikorrenti kollha mill-immobbli hawn fuq deskritt lil FBM Investments Limited huwa ġust u xieraq u li l-istess prezz u kundizzjonijiet għandhom japplikaw għall-bejgħ tas-sehem spettanti lill-intimat minn dan l-istess fond;

2) Tordnalhom sabiex jikkonformaw ruħhom mal-obbligi fiskali tagħhom sabiex ikun jista' jiġi ppubblikat il-kuntratt ta' trasferiment, inkluż billi jimtlew il-formuli tat-taxxi neċessarji kif mitlub mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

3) Taħtar kuratur deputat sabiex, jekk il-konvenuti jonqsu milli jimlew il-formoli neċessarji, dan iwettaq dak kollu neċessarju bħala preparamenti għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt, inkluż billi jimla u jippreżenta dawk l-formoli abbażi tal-informazzjoni disponibbli;

4) Tapprova l-bejgħ propost, u tordna l-pubblikazzjoni tal-att ta' bejgħ anke għal dak illi jirrigwarda l-kwota spettanti lill-intimat Joseph Galea u sidien mhux magħrufa, f'jum, ħin u lok illi jiġu għalhekk iffissati u taħtar lin-Nutar Dott. Kristen Dimech sabiex jippubblika l-att ta' bejgħ opportun, bl-intervent ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq dak l-att.

L-Av. Daniel Calleja

Dan ir-rikors ġuramentat huwa differit għall-10 ta' Jannar, 2024, fl-10.00 a.m. fl-edifiċju tal-Qorti Għawdex, Misraħ il-Katidral, Ir-Rabat, Għawdex.

Reġistru tal-Qrati u Tribunali (Għawdex)

Illum 18 ta' Diċembru, 2023

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

11. That the respondent Joseph Galea has three out of eighty (3/80) undivided shares of this property while as stated above it is not known who is the owner of the remaining fifth part;

12. That the plaintiffs believe that the price agreed by the plaintiffs is an advantageous one considering the size of this property, as well as the location in which it is located, and all the circumstances related to this property, and this as seen from the architect's sworn valuation hereby attached and marked as Document B;

Therefore, the plaintiffs request with respect that the Honourable Court, provided that this application is published in the Government Gazette and in another local newspaper in terms of article 495A of the Cap. 16 and;

1) Declare that the price as well as the conditions proposed for the sale of all the plaintiffs' share of the property described above to FBM Investments Limited is fair and appropriate and that the same price and conditions shall apply to the sale of the outstanding share to the respondents from this same property;

2) Order them to comply with their fiscal obligations so that the transfer contract can be published, including by filling in the necessary tax forms as requested by the Commissioner of Inland Revenue;

3) Appoint a deputy curator so that, if the defendants fail to fill in the necessary forms, he will carry out everything necessary as preparations for the publication of the contract, including by filling in and presenting those forms based on the available information;

4) Approve the proposed sale and order the publication of the deed of sale also for what relates to the quota payable to the respondent Joseph Galea and unknown owners, on a day, time and place to be fixed for that purpose and appoint the Notary Doctor Kristen Dimech to publish the deed of opportune sale, with the intervention of deputy curators to represent the eventual defaulters on that deed.

Adv. Daniel Calleja

This sworn application is deferred for hearing for the 10th January, 2024, at 10.00 a.m. in the building of the Gozo Courts, Cathedral Square, Victoria, Gozo.

Registry of Gozo Courts and Tribunals

This 18th day of December, 2023

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*